



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

11 ta' Lulju 2013\*

“Direttivi 84/450/KEE u 2006/114/KE — Reklamar qarrieqi u reklamar komparattiv — Kunċett ta' ‘reklamar’ — Reġistrazzjoni u użu ta' isem tad-domain — Użu ta' metaidentifikaturi fil-metadejta ta' sit tal-internet”

Fil-Kawża C-657/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hof van cassatie (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Diċembru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Diċembru 2011, fil-proċedura

**Belgian Electronic Sorting Technology NV**

vs

**Bert Peelaers,**

**Visys NV,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešić (Relatur), President tal-Awla, K. Lenaerts, Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tielet Awla, E. Jarašiūnas, A. Ó Caoimh u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Jannar 2013, wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Belgian Electronic Sorting Technology NV, minn P. Maeyaert, P. de Jong u J. Muyldermans, avukati,
- għal B. Peelaers u Visys NV, minn V. Pede u S. Demuynck, avukati,
- għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux u T. Materne, bħala aġenti,
- għall-Gvern Estonjan, minn M. Linntam, bħala aġent,

\* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

- għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,
  - għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Szpunar, bħala aġenti,
  - għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Owsiany-Hornung u M. van Beek, bħala aġenti,
- wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "reklamar", fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, tal-10 ta' Settembru 1984, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 227), kif emendata bid-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005 (ĠU L 149, p. 22), iktar 'il quddiem id-"Direttiva 84/450"), u tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (ĠU L 376, p. 21).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Belgian Electronic Sorting Technology NV, magħrufa wkoll bħala "BEST NV" (iktar 'il quddiem "BEST"), B. Peelaers u Visys NV (iktar 'il quddiem "Visys"), u B. Peelaers, li huwa wieħed mill-fondaturi tagħha, dwar ir-reġistrazzjoni u l-użu minn Visys tal-isem tad-domain "www.bestlasersorter.com" kif ukoll l-użu minn din il-kumpannija ta' metaidentifikaturi li jirreferu għal BEST u għall-prodotti tagħha.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 L-għan tad-Direttiva 84/450, skont l-Artikolu 1, kien li tiproteġi lill-kummerċjanti minn reklamar qarrieqi u mill-konsegwenzi żleali tiegħu u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħtom huwa permess ir-reklamar komparattiv.
- 4 L-Artikolu 2(1) sa (2a) tad-Direttiva 84/450 kien jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"[...]

1) reklamar' tfisser l-għemil ta' rappreżentazzjoni fi kwalunkwe forma [forma ta' komunikazzjoni] b'konnessjoni ma' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni sabiex jippromwovi l-provvista ta' merkanzija jew servizzi, inkluż proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi.

2) 'reklamar qarrieqi' tfisser kull reklamar li, bi kwalunkwe mod, inkluża l-preżentazzjoni tiegħu, iqarraq jew probabbilment iqarraq bil-persuni li lejhom ikun indirizzat jew li għandhom jasal u li, minħabba n-natura qarrieqa tiegħu, probabbilment jaffettwa l-imġiba ekonomika tagħhom jew li, għal dawk ir-raġunijiet, jagħmel ħsara jew probabbilment jagħmel ħsara lil xi kompetitur;

2a) 'reklamar komparattiv' ifisser kull reklamar li espliċitament jew b'deduzzjoni jidentifika kompetitur jew oġġetti jew servizzi offruti minn kompetitur".

- 5 Id-Direttiva 84/450 tħassret bid-Direttiva 2006/114, li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2007. Fid-dawl tad-data tal-fatti, parti mill-kawża prinċipali hija rregolata bid-Direttiva 84/450 u parti bid-Direttiva 2006/114.
- 6 Il-premessi 3, 4, 8, 9, 14 u 15 tad-Direttiva 2006/114 jipprovdu li:
- “(3) Ir-reklamar qarrieqi u r-reklamar komparattiv kontra l-liġi jistgħu jwasslu għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (4) Ir-reklamar, sew jekk jirriżultax f'kuntratt jew le, jaffettwa l-qagħda ekonomika tal-konsumaturi u kummerċjanti.
- [...]
- (8) Ir-reklamar komparattiv, meta jikkompara karatteristiċi materjali, relevanti, verifikabbli u rappreżentattivi u ma jkunx qarrieqi, jista' jkun mezz leġittimu sabiex jinforma lill-konsumaturi bil-vantaġġ tagħhom. Hu siewi li jkun hemm kunċett wiesa' ta' reklamar komparattiv sabiex jirregola l-modi kollha ta' reklamar komparattiv.
- (9) Il-kondizzjonijiet għal reklamar komparattiv permess, sa fejn jirrigwarda l-paragun, għandhom ikunu stabbiliti sabiex jistabbilixxu liema prattiċi relatati mar-reklamar komparattiv jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni, ikunu detrimental għal kompetituri u jkollhom effett negattiv fuq l-għażla tal-konsumatur. [...]
- [...]
- (14) [J]ista' jkun indispensabbli, sabiex isir reklamar komparattiv effettiv, li jiġu identifikati l-merkanzija jew servizzi ta' kompetitur u li jagħmel referenza għal trade mark jew isem ta' ditta li tagħhom dan ta' l-aħħar ikun il-proprjetarju.
- (15) Dan l-użu ta' trade mark, isem ta' ditta jew marki distintivi oħra, ma jiksirx dan id-dritt esklussiv f'każi fejn ikun konformi mal-kondizzjonijiet stipulati minn din id-Direttiva, l-iskop maħsub huwa biss li jiddistingwu bejniethom u b'hekk li oġġettivament joħorġu aħjar id-differenzi.”
- 7 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/114 jiddeskrivi l-għan tagħha bl-istess termini bħall-Artikolu 1 tad-Direttiva 84/450.
- 8 Fl-Artikolu 2(a) sa (ċ), id-Direttiva 2006/114 tirriproduċi litteralment id-definizzjonijiet ta' reklamar, ta' reklamar qarrieqi u ta' reklamar komparattiv li jinsabu fid-Direttiva 84/450.
- 9 Il-premessa 11 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399), tispeċifika:
- “Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-livell ta' protezzjoni għal, partikolarment, is-saħħa pubblika u l-interessi tal-konsumatur, kif stabbilit b'atti tal-Komunità. [...] L-istess acquis tal-Komunità, li huwa applikabbli bis-sħiħ għal servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, tinkorpora ukoll partikolarment id-Direttiva 84/450 [...]”
- 10 Skont l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2000/31, din għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tiżgura l-moviment liberu ta' servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri. Għal dan il-għan, hija tressaq ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni u li li jirrigwardaw is-suq intern,

l-istabbiliment tal-fornituri, il-komunikazzjonijiet kummerċjali, il-kuntratti elettroniċi, ir-responsabbiltà ta' intermedjarji, il-kodiċi ta' kondotta, il-ftehim fuq kwistjonijiet extraġudizzjarji, l-azzjonijiet ġudizzjarji u l-kooperazzjoni bejn Stati Membri.

11 L-Artikolu 1(3) ta' din id-direttiva jipprovdi li:

“Din id-Direttiva tikkomplementa l-liġi [tal-Unjoni] applikabbli għal servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni mingħajr preġudizzju għall-livell ta' protezzjoni ta', partikolarment, interessi tas-saħħa pubblika u tal-konsumatur, kif stabbiliti b'atti [tal-Unjoni] u leġislazzjoni nazzjonali li timplimentahom sal-limiti li ma jirrestrinġix il-libertà li jkunu provduti servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni.”

12 L-Artikolu 2(f) tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi t-termini “komunikazzjoni kummerċjali” kif ġej:

“[K]ull għamla ta' komunikazzjoni li għandha l-iskop li tippromwovi, direttament jew indirettament, merkanzija, servizzi jew l-immaġini ta' kumpanija, organizzazzjoni jew persuna li ssegwi attività kummerċjali, industrijali jew ta' l-artiġjanat jew li teżerċita professjoni regolata. Dawn li ġejjin ma jagħmlux parti fihom infushom min komunikazzjonijiet kummerċjali:

- tagħrif li jippermetti aċċess dirett għall-attività ta' l-impriża, organizzazzjoni jew persuna, kif ukoll b'mod partikolari isem ta' qasam jew email,
- komunikazzjoni rigward l-oġġetti, is-servizzi jew id-dehra ta' l-impriża, organizzazzjoni jew persuna, miġbura b'mod indipendenti, b'mod partikolari meta mogħtija mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni finanzjarja”.

*Id-dritt Belġjan*

13 L-Artikolu 93(3) tal-Liġi tal-14 ta' Lulju 1991 dwar il-prattiki kummerċjali u dwar l-informazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur (*Belgisch Staatsblad*, 29 ta' Awwissu 1991, p. 18712), li ttrasponiet id-Direttiva 84/450, jiddefinixxi l-kunċett ta' reklamar bħala “kull komunikazzjoni li għandha għan dirett jew indirett li tippromwovi l-bejgħ ta' prodotti jew ta' servizzi [irrispettivament minn] fejn jew kif issir il-komunikazzjoni”. Din il-liġi tħassret u ġiet issostitwita bil-Liġi tas-6 ta' April 2010 dwar il-prattiki tas-suq u l-protezzjoni tal-konsumatur (*Belgisch Staatsblad*, 12 ta' April 2010, p. 20803), li tirriproduċi fl-Artikolu 2(19) tagħha l-istess definizzjoni.

14 L-Artikoli 2(7) tal-Liġi tal-11 ta' Marzu 2003 dwar ċerti aspetti ġuridiċi tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (*Belgisch Staatsblad*, 17 ta' Marzu 2003, p. 12962), li jittrasponi d-Direttiva 2000/31, jiddefinixxi l-kunċett ta' reklamar f'dawn it-termini:

“[...] kull għamla ta' komunikazzjoni li għandha l-iskop li tippromwovi, direttament jew indirettament, merkanzija, servizzi jew l-immaġni ta' kumpanija, organizzazzjoni jew persuna li ssegwi attività kummerċjali, industrijali jew ta' l-artiġjanat jew li teżerċita professjoni rregolata.

Għall-applikazzjoni ta' din il-liġi, ma jikkostitwixxux, bħala tali, reklamar:

- a) l-informazzjoni li tippermetti l-aċċess dirett għall-attività tal-impriża, tal-organizzazzjoni jew tal-persuna, b'mod partikolari isem tad-domain jew indirizz ta' posta elettronika;
- b) il-komunikazzjonijiet ikkompilata b'mod indipendenti, partikolarment meta huma pprovduti mingħajr korrispettiv finanzjarju”.

- 15 Skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-reġistrazzjoni abbużiva ta' ismijiet tad-domain (*Belgisch Staatsbald*, 9 ta' Settembru 2003, p. 45225) huwa isem tad-domain "rappreżentazzjoni alfanumerika ta' indirizz numeriku IP (Internet Protocol) li jippermetti li kompjuter li huwa konness mal-internet jiġi identifikat [...]".

### **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

- 16 BEST u Visys jipproġettaw, jipproduċu u jikkummerċjalizzaw magni ta' separazzjoni u sistemi ta' separazzjoni permezz ta' teknoloġija bil-laser.
- 17 BEST ġiet stabbilita fil-11 ta' April 1996. Il-mudelli tagħha tal-magni ta' separazzjoni għandhom id-denominazzjonijiet "Helius", "Genius", "LS9000" u "Argus".
- 18 Visys ġiet stabbilita fis-7 ta' Ottubru 2004, b'mod partikolari minn B. Peelaers, ex impjegat ta' BEST.
- 19 Fit-3 ta' Jannar 2007, B. Peelaers irreġistra, f'isem Visys, l-isem tad-domain "www.bestlasersorter.com". Il-kontenut tas-sit tal-internet ospitat taħt dan l-isem tad-domain huwa identiku għal dak tas-siti internet kurrenti ta' Visys, aċċessibbli taħt l-ismijiet tad-domain "www.visys.be" u "www.visysglobal.be".
- 20 Fl-4 ta' April 2008, BEST irreġistrazzja it-trade mark figurattiv Benelux BEST għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 9, 40 u 42 fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat.
- 21 Fit-23 ta' April 2008, uffiċjal ġudizzjarju kkonstatat li, meta l-kliem "Best Laser Sorter" idaħħlu fil-mutur ta' tfittxija "www.google.be", dan tal-aħħar kien jirrinviya, bħala t-tieni riżultat, eżattament wara s-sit tal-internet ta' BEST, għas-sit tal-internet ta' Visys u li din tal-aħħar kienet tuża. Barra minn hekk, irriżulta li Visys kienet tuża f'dawn is-siti internet is-segwenti metaidentifikaturi, jiġifieri, "Helius sorter, LS9000, Genius sorter, Best+Helius, Best+Genius, [...] Best nv".
- 22 Billi qieset li r-reġistrazzjoni u l-użu tal-isem tad-domain "www.bestlasersorter.com", kif ukoll l-użu tal-imsemmija metaidentifikaturi kienu jippreġudikaw t-trade mark tagħha u l-isem kummerċjali tagħha u kienu jikkostitwixxu ksur tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna reklamar qarrieqi u komparattiv kif ukoll ta' dik li tirrigwarda r-reġistrazzjoni illegali ta' ismijiet tad-domain, fit-30 ta' April, BEST bdiet proċeduri kontra B. Peelaers u Visys, sabiex twaqqaf l-allegati preġudizzji u ksur. B'risposta għal dawn il-proċeduri, B. Peelaers u Visys ressqu kontrotalba għall-annullament tat-trade mark figurattiva Benelux BEST.
- 23 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Settembru 2008, il-Voorzitter van de rechtbank van koophandel te Antwerpen (il-Belġju) iddikjarat bħala infondati t-talbiet ta' BEST bl-eċċezzjoni ta' dik ibbażata fuq ksur, permezz tal-użu tal-metaidentifikatur inkwistjoni, tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna reklamar komparattiv u qarrieqi. Barra minn hekk, hija ċaħdet il-kontrotalba mressqa minn B. Peelaers u Visys.
- 24 Permezz ta' appell ippreżentat minn BEST kif ukoll appell incidental minn B. Peelaers u minn Visys, il-Hof van beroep te Antwerpen, permezz ta' sentenza tal-21 ta' Diċembru 2009, ċaħdet it-talbiet kollha ta' BEST, inkluża dik ibbażata fuq ksur ta-regoli li jirrigwardaw reklamar kompetittiv u qarrieqi u annullat it-trade mark figurattiva Benelux BEST għal nuqqas ta' karattru distintiv.
- 25 BEST appellat fil-kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju. Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, din il-qorti ċaħdet il-motivi invokati minn BEST ħliet dak ibbażat fuq ksur tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna reklamar komparattiv u qarrieqi.



- 26 Huma f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Hof van Cassatie ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari s-suggerenti:

“Il-kunċett ta’ “reklamar” li jidher fl-Artikolu 2 tad-Direttiva [84/450] u fl-Artikolu 2 tad-Direttiva [2006/114] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, minn naħa, ir-reġistrazzjoni u l-użu ta’ isem tad-domain (domain name) u min-naħa l-oħra, l-użu ta’ [metaidentifikaturi (“metatags”)] fil-metadejta ta’ websajt [sit tal-internet]?”

### Fuq id-domanda preliminari

- 27 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li BEST titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi *ex officio*, minn naħa, fuq il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 3(1)(b) u (ċ) tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta’ Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92), jipprekludix ir-reġistrazzjoni ta’ trade mark li tiftiehem bħala promozzjonali jew suġġestiva. Min-naħa l-oħra, BEST tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għall-kwistjoni dwar jekk il-protezzjoni mogħtija lill-isem kummerċjali permezz tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta’ Pariġi għall-protezzjoni tal-proprietà industrijali, iffirmata f’Pariġi fl-20 ta’ Marzu 1883, irriveduta fl-aħħar lok fi Stokkolma fl-14 ta’ Lulju 1967 u emendata fit-28 ta’ Settembru 1979 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 828, Nru. 11851, p. 305), moqri flimkien mal-Artikoli 1 u 2 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali relatati mal-kummerċ, li jinsab fl-Anness 1 C tal-Ftehim li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, iffirmat f’Marrakech fil-15 ta’ April 1994 u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta’ Diċembru 1994, dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x’jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta’ negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80), hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li jista’ jiġi stabbilit li dan l-isem kummerċjali għandu karattru distintiv.
- 28 F’dan ir-rigward għandu jittfakkar li hija esklużivament il-qorti tar-rinviju li għandha tiddefinixxi s-suġġett tad-domandi li hija tkun trid tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt huma biss il-qorti nazzjonali li quddiemhom titressaq il-kawża u li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni għodizzjarja li għandha tingħata, li għandhom jevalwaw, fid-dawl ta’-ċirkustanzi partikolari ta’ kull kawża, kemm in-neċessità ta’ deċiżjoni preliminari biex ikunu f’pożizzjoni li jagħtu s-sentenza tagħhom kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta’ Marzu 1999, Castelletti, C-159/97, Ġabra p. I-1597, punt 14, u tas-6 ta’ Lulju 2006, Kersbergen-Lap u Dams-Schipper, C-154/05, Ġabra p. I-6249, punt 21, kif ukoll tal-25 ta’ Jannar 2007, Dyson, C-321/03, Ġabra p. I-687, punt 23).
- 29 Il-Qorti tal-Ġustizzja rrepetiet li, anki jekk, fuq il-livell formali, il-qorti tar-rinviju tillimita d-domanda tagħha għall-interpretazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, tali fatt ma jostakolax lill-Qorti tal-Ġustizzja milli ttiprovdiha l-elementi kollha ta’ interpretazzjoni tal-imsemmi dritt li jistgħu jkunu utili għas-sentenza fil-kawża li tkun qiegħda tisma’, sew jekk din il-qorti tkun għamlet referenza għalihom jew le meta għamlet id-domanda tagħha (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi Dyson, iċċitata iktar ’il fuq, punt 24; tas-26 ta’ April 2007, Alevizos, C-392/05, Ġabra p. I-3505, punt 64, u tad-29 ta’ Jannar 2008, Promusicae, C-275/06, Ġabra p. I-271, punt 42).
- 30 Madankollu, sa fejn li l-qorti tar-rinviju diġà ċaħdet b’mod definittiv il-motivi invokati minn BEST, li jirrigwardaw id-domandi msemmija fil-punt 27 ta’ din is-sentenza, risposta għal dawn id-domandi ma tistax titqies iktar bħala utli għas-soluzzjoni tal-kawża li hija adita biha din il-qorti.
- 31 F’dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġu eżaminati dawn id-domandi li jmorru lil hinn mill-kuntest ta’ dik magħmula mill-qorti tar-rinviju.

- 32 Permezz tad-domanda tagħha, din il-qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "reklamar", kif iddefinit minn dawn id-dispożizzjonijiet, ikoprix, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-ewwel nett, ir-reġistrazzjoni ta' isem tad-domain, it-tieni nett, l-użu ta' tali isem, u t-tielet nett, l-użu ta' metaidentifikaturi fil-metadejta ta' sit tal-internet.
- 33 Bl-eċċezzjoni ta' BEST u tal-Gvern Taljan, il-partijiet l-oħra fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri B. Peelaers u Visys, il-Gvern Belġjan, Estonjan u dak Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, iqisu li r-reġistrazzjoni ta' isem tad-domain ma jistax jiġi kklassifikat bħala reklamar. Rigward, min-naħa l-oħra, tal-użu ta' tali isem, huma biss B. Peelaers, Visys u l-Kummissjoni li jqisu li dan l-użu ma jistax, bħala prinċipju, jikkostitwixxi reklamar. Rigward l-użu ta' metaidentifikaturi fil-metadejta ta' sit tal-internet, BEST, il-Gvern Belġjan kif ukoll dak Taljan huma tal-opinjoni li l-kunċett ta' reklamar jinkludi, b'mod partikolari fiċ-ċirkustanzi bħala dak tal-kawża prinċipali, tali użu, filwaqt li B. Peelaers u Visys, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni jiddefendu t-teżi kuntrarja. Il-Gvern Estonjan ma ħax pożizzjoni fuq dan l-aħħar punt.
- 34 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114, jiddefinixxu l-kunċett ta' reklamar bħala kull forma ta' komunikazzjoni magħmula fil-kuntest ta' attività kummerċjali, industrijali, artiġjanali jew professjonali bil-għan li tiġi promossa l-provvista ta' prodotti jew ta' servizzi.
- 35 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li, fid-dawl ta' din id-definizzjoni partikolarment wiesgħa, ir-reklamar jista' jieħu forom varji (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Toshiba Europe, C-112/99, Ġabra p. I-7945, punt 28) u ma humiex għaldaqstant limitat għall-forom ta' reklamar klassiku.
- 36 Sabiex jiġi ddeterminat jekk ċerta Prattika tikkostitwixxi forma ta' reklamar fis-sens tal-imsemmija dispożizzjonijiet, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tad-Direttivi 84/450 u 2006/114, li huwa, kif jirriżulta mill-Artikoli 1 ta' dawn id-direttivi, li jipproteġi lill-kummerċjanti minn reklamar qarrieqi u mill-konsegwenzi żleali tiegħu u li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom huwa permess ir-reklamar komparattiv.
- 37 Dawn il-kundizzjonijiet huma intiżi, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat fir-rigward tad-Direttiva 84/450 u kif jirriżulta, għad-Direttiva 2006/114, mill-premessi 8, 9 u 15 tagħha, għall-ibbilanċjar tal-interessi differenti li jistgħu jkunu kkonċernati mill-awtorizzazzjoni tar-reklamar komparattiv, billi jippermetti lill-kompetituri li jinvokaw b'mod oġġettiv il-vantaġġi tal-prodotti differenti paragunabbli u billi jipprojbixxi, fl-istess waqt, Prattiki li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, jippreġudikaw lill-kompetituri u jkollhom effett negattiv fuq l-għażliet tal-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 2009, L'Oréal *et*, C-487/07, Ġabra p. I-5185, punt 68, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2010, Lidl, C-159/09, Ġabra p. I-11761, punt 20).
- 38 Barra minn, mill-premessi 3, 4 u mit-tieni sentenza tal-premessa 8 tad-Direttiva 2006/114 kif ukoll mid-definizzjonijiet ukoll wiesgħa tal-kunċetti ta' "reklamar qarrieqi" u ta' "reklamar komparattiv", previsti fl-Artikolu 2(2) u (2a) tad-Direttiva 84/450, u fl-Artikolu 2(b) u (ċ) tad-Direttiva 2006/114 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jistabbilixxi, permezz ta' dawn id-direttivi, qafas komplet għal kull forma ta' manifestazzjoni ta' reklamar, li twassal jew le għall-konklużjoni ta' kuntratt, sabiex jiġi evitat li tali reklamar jippreġudika kemm il-konsumaturi kif ukoll il-kummerċjanti u jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern.
- 39 Konsegwentement, il-kunċett ta' "reklamar", fis-sens tad-Direttivi 84/450 u 2006/114, ma jistax jiġi interpretat jew applikat b'mod li l-passi meħuda minn kummerċjant bil-għan li jippromwovi l-bejgħ tal-prodotti tiegħu jew tas-servizzi tiegħu, li jistgħu jinfluwenzaw l-aġir ekonomiku tal-konsumaturi, u għaldaqstant, li jaffettwaw il-kompetituri ta' dan il-kummerċjant, jevadu mir-regoli ta' kompetizzjoni leali imposti minn dawn id-direttivi.

- 40 Fil-kawża prinċipali, huwa paċifiku li r-reġistrazzjoni tal-isem tad-domain “www.bestlasersorter.com” minn B. Peelaers f’isem Visys u l-użu minn din tal-aħħar ta’ dan l-isem tad-domain kif ukoll tal-metaidentifikaturi “Helius sorter, LS9000, Genius sorter, Best+Helius, Best+Genius, [...] Best nv” saru fil-kuntest tal-attività kummerċjali ta’ din il-kumpannija.
- 41 Il-partijiet fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jaqblux għalhekk biss fuq il-punt dwar jekk l-imsemmija atti ta’ B. Peelaers u ta’ Visys jistgħux jiġi kklassifikati bħala “[forma ta’ komunikazzjoni]” li saret “sabiex [t]ippromwovi l-provvista ta’ merkanzija jew servizzi”, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114.
- 42 Qabel kollox, fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta’ isem tad-domain, għandu jiġi kkonstatat li din ma tikkostitwixxi, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 u 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, biss att formali li permezz tiegħu jintalab lill-organu maħtur għall-ġestjoni tal-ismijiet tad-domain, li jinkludi, bi ħlas, l-imsemmi isem tad-domain fid-database tiegħu u li jikkollega lill-utenti tal-internet li jdaħħlu dan l-isem tad-domain esklużivament fl-indirizz IP indikat mill-proprjetarju tal-isem tad-domain. Ir-reġistrazzjoni biss ta’ isem tad-domain ma tfissirx, madankollu, li dan ser ikun effettivament użat sussegwentement sabiex jinholq sit tal-internet u li jkun għalhekk possibbli għall-utenti tal-internet li jsiru jafu b’dan l-isem tad-domain.
- 43 Fid-dawl tal-għan tad-Direttivi 84/450 u 2006/114, imfakkar fil-punti 36 sa 38 ta’ din is-sentenza, ma jistax jitqies li tali att purament formali, li, waħdu, ma jimplikax neċessarjament il-possibbiltà ta’ għarfien tal-isem tad-domain mill-konsumaturi potenzjali u li għaldaqstant ma jistax jinfluwenza l-għażla tagħhom, jikkostitwixxi forma ta’ komunikazzjoni sabiex tippromwovi l-provvista ta’ prodotti jew ta’ servizzi tal-proprjetarju tal-isem tad-domain, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114.
- 44 Ċertament, kif issostni BEST, ir-reġistrazzjoni ta’ isem tad-domain għandu l-konsegwenza li jċaħħad il-kompetituri mill-possibbiltà li jirreġistraw u li jużaw dan l-isem tad-domain għas-siti tagħhom. Madankollu, ir-reġistrazzjoni biss ta’ tali isem tad-domain ma tinkludi fiha nfisha ebda komunikazzjoni ta’ reklamar, iżda tikkostitwixxi l-iktar l-iktar restrizzjoni tal-possibbiltajiet ta’ kompetizzjoni ta’ dan il-kompetitur, li tista’, skont il-każ, titrażżan minn dispożizzjonijiet legali oħrajn.
- 45 Għal dak li jikkonċerna, sussegwentement, l-użu ta’ isem tad-domain, huwa paċifiku li, fil-kawża prinċipali, huwa kkontestat il-fatt li Visys tuża l-isem tad-domain “www.bestlasersorter.com” sabiex tospita sit tal-internet li l-kontenut tiegħu huwa identiku għal dak tas-siti tal-internet komuni ta’ Visys, aċċessibbli taħt l-ismijiet tad-domain “www.visys.be” u “www.visysglobal.be”.
- 46 Tali użu għandu manifestament bħala għan li jippromwovi l-provvista jew is-servizzi tal-proprjetarju tal-isem tad-domain.
- 47 Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li jsostnu B. Peelaers u Visys, humiex biss permezz ta’ sit tal-internet ospitat taħt l-isem tad-domain li dan il-proprjetarju għandu l-intenzjoni li jippromwovi l-prodotti jew is-servizzi tiegħu, iżda wkoll permezz tal-użu ta’ isem tad-domain magħżul minnu stess, intiż sabiex jinkoraġġixxi l-iktar numru ta’ utenti tal-internet possibbli sabiex iżuru dan is-sit u sabiex jinteressaw ruħhom għall-offerti tiegħu.
- 48 Barra minn hekk, tali użu ta’ isem tad-domain, li jirreferi għal ċerti prodotti jew għal ċerti servizzi jew ukoll għall-isem kummerċjali ta’ kumpannija, jikkostitwixxi forma ta’ komunikazzjoni, li hija indirizzata għall-konsumaturi potenzjali u tissuggerilhom li ser isibu, taħt dan l-isem, sit tal-internet li huwa relatat mal-imsemmija prodotti jew servizzi, jew ukoll mal-imsemmija kumpannija. Barra minn hekk, isem tad-domain jista’ jkun kompost, parzjalment jew totalment, minn kliem ta’ tiffir jew jiġi pperċipiet, bħala tali, bħala deskrizzjoni tal-merti tal-prodotti jew tas-servizz li għalihom jirrinviya dan l-isem.



- 49 Din il-konkluzzjoni ma hijiex invalidata miċ-ċirkustanza, invokata minn B. Peelaers u minn Visys, kif ukoll mill-Kummissjoni, li l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2000/31 jiddefinixxi l-kunċett ta' komunikazzjoni kummerċjali billi jispeċifika b'mod partikolari li "[d]awn li ġejjin minnhom infushom ma jgħallgħall komunikazzjoni kummerċjali [...] informazzjoni li tippermetti aċċess dirett għall-attivitajiet tal-kumpanija, l-organizzazzjoni jew persuna, partikolarment isem ta' dominju jew indirizz ta' posta elettronika".
- 50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-esklużjoni, prevista fl-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2000/31, ta' ċerta informazzjoni u komunikazzjoni mill-kunċett ta' komunikazzjoni kummerċjali ma jfissirx bl-ebda mod li din l-informazzjoni u dawn il-komunikazzjonijiet ser jiġu esklużi wkoll mill-kunċett ta' "reklamar", fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u mill-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114, peress li dan il-kunċett tal-aħħar ġie ddefinit billi għet inkluża espressament kull forma ta' komunikazzjoni.
- 51 Barra minn hekk din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mhux biss mill-fatt li d-Direttivi 84/450 u 2006/114, minn naħa, u d-Direttiva 2000/31, min-naħa l-oħra, għandhom, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tagħhom, għanijiet differenti, iżda fuq kollox hija kkorroborata mill-fatt li mill-premessa 11 u mill-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2000/31 jirriżulta b'mod ċar li din tal-aħħar tapplika mingħajr preġudizzju mil-livell eżistenti ta' protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur u li d-Direttiva 84/450 u, għaldaqstant, id-Direttiva 2006/114 jibqgħu japplikaw bis-sħiħ ukoll għas-servizzi pprovduti fil-kuntest tas-soċjetà tal-informazzjoni.
- 52 Fl-aħħar nett, rigward l-użu ta' metaidentifikaturi fil-metadejta ta' sit tal-internet, huwa paċifiku li, fil-kawża prinċipali, huwa kkontestat il-fatt li Visys daħħlet fil-metadejta, u għaldaqstant fil-kodiċi ta' programmar ta' dawn is-siti tal-internet, il-metaintifikaturi "Helius sorter, LS9000, Genius sorter, Best+Helius, Best+Genius, [...] Best nv", li jikkorrispondu għad-denominazzjonijiet ta' ċerti prodotti kif ukoll għall-akronomu tal-isem kummerċjali ta' BEST.
- 53 Tali metaidentifikaturi kkostitwiti minn kliem gwida ("keyword metatags"), li jinqraw mill-mutur ta' tfittxija meta ssir tfittxija bihom fuq l-internet sabiex jipproċedu għar-referenzjar ta' diversi siti li jinsabu fih, jikkostitwixxu wieħed mill-fatturi li jippermetti lil dawn il-muturi li jwettqu klassifikazzjoni tas-siti skont ir-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-mutur ta' tfittxija mdaħħal mill-utent tal-internet.
- 54 Għaldaqstant, l-użu ta' tali metaidentifikatur li jikkorrispondi għad-denominazzjonijiet tal-prodotti ta' kompetitur u għall-isem kummerċjali tiegħu kellu bħala regola ġenerali bħala effett li, meta utent tal-internet li jkun qed ifittex prodotti ta' dan il-kompetitur idaħħal waħda minn dawn id-denominazzjonijiet jew dan l-isem fil-mutur ta' tfittxija, ir-riżultat naturali li mutur ta' tfittxija jipproduċi jiġi emendat billi jagħti vantaġġ lill-utent ta' dawn il-metaintifikatur u l-link lejn is-sit tal-internet tiegħu jkun inkluż fil-lista ta' dawn ir-riżultati, skont il-każ għall-viċinanza diretta tal-link lejn is-sit tal-internet tal-imsemmi kompetitur.
- 55 Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-użu ta' metaidentifikatur inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ġie stabbilit li, meta utent tal-internet idaħħal il-kliem "Best Laser Sorter" fil-mutur ta' tfittxija "www.google.be", dan tal-aħħar jirrinviya, bħala t-tieni riżultat ta' tfittxija, wara s-sit tal-internet ta' BEST, għas-sit tal-internet ta' Visys.
- 56 Issa, fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-utent tal-internet meta jdaħħal id-denominazzjoni tal-prodott ta' kumpannija jew l-isem tagħha bħala kelma ta' tfittxija huwa jipprovdi informazzjoni jew offerti fuq dan il-prodott speċifiku jew fuq din il-kumpannija u t-tipi ta' prodotti tiegħu. Għaldaqstant, meta huma kkollegati, fil-lista ta' riżultati naturali, links lejn siti li jipproponu prodotti ta' kompetitur ta' din il-kumpannija, l-utent tal-internet jista' jipperċepixxi dawn il-links bħala li joffru alternattiva fir-rigward tal-prodotti tal-imsemmija kumpannija jew jaħseb li dawn iwasslu għal siti li jipproponu l-prodotti ta' din tal-aħħar (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google, C-236/08 sa C-238/08, Ġabra p. I-2417, punt 68). Dan huwa *a fortiori* l-każ meta l-link lejn

is-sit tal-internet tal-imsemmija kumpannija jinstabu fost l-ewwel riżultati ta' tfittxija, qrib dawk ta' din l-istess kumpannija, jew meta l-kompetitur uża isem tad-domain li jirreferi għall-isem kummerċjali tagħha jew għad-denominazzjoni ta' waħda mill-prodotti tagħha.

- 57 Sa fejn l-użu ta' metaidentifikatur jikkorrispondi għad-denominazzjonijiet tal-prodotti ta' kompetitur jew għall-isem kummerċjali tiegħu fil-kodiċi ta' programmar ta' sit tal-internet għandu għaldaqstant il-konsegwenza li jissuġġerixxi lill-utent tal-internet waħda minn dawn id-denominazzjonijiet jew dan l-isem bħala kelma ta' tfittxija, li dan is-sit huwa relatat mat-tfittxija tagħha, tali użu għandu jittqies bħala forma ta' komunikazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114.
- 58 Kuntrarjament għal li jsostnu B. Peelaers u Visys, f'dan ir-rigward huwa irrilevanti l-fatt li dawn il-metaidentifikaturi jibqgħu inviżibbli għall-utent tal-internet u li d-destinatarju dirett ma huwiex dan tal-aħħar, iżda l-mutur ta' tfittxija. F'dan ir-rigward huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, skont l-imsemmija dispożizzjonijiet, il-kunċett ta' reklamar jinkludi espressament kull forma ta' komunikazzjoni, billi jinkludi għaldaqstant ukoll forma ta' komunikazzjoni indiretti, *a fortiori* meta dawn tal-aħħar jista' jinfluwenzaw l-aġir ekonomiku tal-konsumaturi u għalhekk jaffettwaw il-kompetitur li għal ismu jew għall-prodotti tiegħu l-metaidentifikaturi jalludu.
- 59 Barra minn hekk, ma hemm l-ebda dubju li tali użu ta' metaidentifikaturi jikkostitwixxi strateġija ta' promozzjoni inkwantu hija intiża li tħeġġeġ l-utent tal-internet sabiex iżur is-sit tal-utilizzatur u sabiex jinteressa ruħu għall-prodotti u għas-servizzi ta' dan tal-aħħar.
- 60 Fid-dawl ta' dak li ntqal preċedement, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/450 u l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "reklamar", kif iddefinit minn dawn id-dispożizzjonijiet, ikopri, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-użu ta' isem tad-domain kif ukoll dak ta' metaidentifikaturi fil-metadejta ta' sit tal-internet. Min-naħa l-oħra, ir-reġistrazzjoni ta' isem tad-domain ma huwiex, bħala tali, inkluż f'dan il-kunċett.

### Fuq l-ispejjeż

- 61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, tal-10 ta' Settembru 1984, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 227), kif emendata bid-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, u l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kunċett ta' "reklamar", kif iddefinit minn dawn id-dispożizzjonijiet, ikopri, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-użu ta' isem tad-domain kif ukoll dak ta' metaidentifikaturi fil-metadejta ta' sit tal-internet. Min-naħa l-oħra, ir-reġistrazzjoni ta' isem tad-domain ma hijiex, bħala tali, inkluża f'dan il-kunċett.**

Firem